**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Abdalla Nadi Abdalla Atwa**

**Illum 8 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Abdalla Nadi Abdalla Atwa** residenti Hal Far Open Centre u detentur tal-Police number 18L-053 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Fis-6 ta' Jannar 2019 u fil-jiem ta'qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamnel xi tibdil f'passaport jew document, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passport jew document, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta) ;
2. Talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi documenti ohra

iffalsifikati, fid-dokumenti fuq msemmija (kap 9 Sec 189 tal-Ligijiet ta'Malta)

3. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtoriota` legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi document, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat:

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' fedina penali, stqarrija, dokument mahrug mill-Pulizija, dokument mahrug fis-7 ta' Jannar 2019

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu nhar it-8 ta' Jannar 2019 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti taqbel mal-Uffiċjal Prosekutur li, minkejja kollox, ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt illi l-Liġijiet tal-Immigrazzjoni ta' dan il-pajjiż ġew miksura f'dan il-każ. L-anqas ma tista' tinsa' li dan it-tip ta' reati sar ħafna iktar komuni tant li sar fenomenu kostanti. U bir-rispett kollu, mhux aċċettabbli li persuni jkomplu jidħlu jew johorgu fit-territorju nazzjonali b'dokumenti foloz fejn jippruvaw iqarqu bl-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-Istat Malti u dawk barranin.

Għalkemm mhux neċessarjament li huwa hekk f'dan il-każ, fil-prinċipju dawn ir-reati jistgħu jimminaw anke s-sigurta' tal-pajjiż. L-Istat Malti għandu jkollu interess qawwi li jkun jaf sewwasew l-identita' vera ta' min ikun dieħel fil-pajjiż u dan, kif ingħad aktar il-fuq, fost affarijiet oħra, ukoll għal raġunijiet ta' sigurta interna – b'mod partikolari fi żminijiet ta' taqlib, kunflitti u terroriżmu li diversi partijiet tad-dinja, inkluż dawk viċini għal Malta, jinsabu għaddejjin minnhom jew mhedda bihom.

L-esperjenzi ta' pajjiżi oħra (anke fl-Unjoni Ewropeja) li seħħew riċentement, għandhom jiftħu għajnejn kulħadd għar-riskji serji li tali fenomenu t'immigrazzjoni illegali b'dokumenti foloz jista' jġib miegħu għan-nies innoċenti.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux fejn jirrisjedi hawn Malta u li qed joqghod fit-toroq u ghalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva.  Il-Qorti qieset li l-imputat ikkopera mal-pulizija, ghandu fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe′ Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, Artikolu 189 tal-Kap 9 u Artikolu 32(1)D tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta′ Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija effettivi.**

__________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**